## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 189/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Johann Bondin**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Johann Bondin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 458288M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-2 ta' Lulju, 2014 għall-ħabta tal-11:00hrs u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-fond 77, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba;

1) Żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L. 79 ta' l-2006), cioe' Margun *Phalacrocorax carbo* u Ligrett tas-Sigar *Ixobrychus minutus* (inklużi fi Skeda I), bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-għasfur ma kienx ġie iddikjarat u reġistrat ma' l-awtorita' kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S.504.7

2) Żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III tar-regolamenti ta' 2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, cioe' Margun *Phalacrocorax carbo* u Ligrett tas-Sigar *Ixobrychus minutus* (inklużi fi Skeda I) meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat membru ieħor fejn ikun jista jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat membru l-ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 bi ksur ta' regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71

3) Naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni, cioe' Margun *Phalacrocorax carbo* u Ligrett tas-Sigar *Ixobrychus minutus* (inkluzi fi Skeda I) ċertifikati u dokumenti oħra kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni

tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur tar-Regolamenti 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-6 t' April, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghall-multa ta' ħamest elef euro (€5,000) kif ukoll irrevokatlu b'mod permanenti l-liċenzja kif ukoll ordnat il-konfiska tal-esebiti.

Rat ir-rikors ta' Johann Bondin ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 t' April, 2016 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha timmodifika s-sentenza appellata u dan billi **tħassaraha** u tirrevokaha kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u konsegwentement tilliberaħ;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li waqt tfittxija gewwa residenza li tappartjeni lill-genituri tal-imputat, il-Pulizija tat-taqsima tal-Administrative Law Enforcement sabu diversi ghasafar gewwa friza tal-istess residenza u tnejn minn dawn l-ghasafar kienu jidhru li huma tajr protett. Wara li ntalbet l-assistenza ta' zewg membri tal-MEPA iz-zewg ghasafar kienu identifikati bhala

tajriet protetti. Fuq il-post kienu prezenti missier u omm l-imputat li infurmaw lill-ispetturi li binhom kien imsiefer u li l-ghasafar inqabdu minn binhom bil-permessi mehtiega waqt li kien ghall-kacca r-Rumanija;

2. Illi kif jemergi mill- provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi, u dan skond affidavit ta' PS 1030 u iehor ta' PC 1231, in forza ta' mandat ta' tfittxija mahrug mill-Maġistrat Dr N.Sciberras, biex issir spezzjoni ġewwa 74 St Andrew Triq il-Konvoj ta' Santa Marija Mqabba u b'rizultat ta' tali tfittxija nstabu tipi ta' papri kif ukoll margun (Great Cormorant) fil-friża fil-kċina u russett (Little Bittern). Missier l-imputat stqarr li dak it-tajr kien ta' ibnu, li dakinhar kien imsiefer, u li kien qabadhom mir-Rumanija u kellu l-permess biex jaqbadhom. Huma talbu l-assistenza tas-sur Stanley Gatt u Gilbert Haber li nfurmawhom li kien illegali li jinqabdu l-Great Cormaorant u l-Little Bittern. Mar-ritorn tieghu, l-imputat ghadda d-dokumenti kollha li kellu lis-Sur Gatt li minn naha tieghu rrizultalu li dawn ma kienux jammontaw ghall-permessi mehtiega;

3. Stanley Gatt, Spettur tal-Ambjent, xehed quddiem din il-Qorti stante li l-ewwel Qort ma rregistratx id-deposizzjoni tieghu u ppreżenta lista ta' għasafar misjuba fid-dar in kwisjtoni u dokumenti ohra fosthom kopja ta' ċertifikat veterinarju maħruġ fit-18 ta' Novembru 2013 mill-awtoritajiet tar-Rumanija. Huwa xehed kif hu u Gilbert Haber kienu ssejħu fir-residenza msemmija fejn sabu lil missier l-imputat u fuq mejda kien hemm numru ta' karkassi ta' għasafar. Is-sur Gorġ Bondin kien qal li dawn kienu ta' ibnu u li kien ġabhom mir-Rumanija. Ix-xhud qal ukoll li tnejn minn dawn l-ghasafar, l-Margun u r-Russett ma

jistghux ikunu ikkaċċjati f'Malta u l-Magrun anqas fir-Rumanija u li z-żewġ speċi kellhom tiri ta' senter. L-appellant kien kkonferma lix-xhud li l-eżemplari kienu tiegħu u li kien ġabhom fir-ritorn tiegħu mir-Rumanija. Huwa kien tah kopja ta' dokument maħruġ minn veterenarju li izda m'għandux x'jaqsam mal-konservazzjoni tal-ispeċi ghaliex fir-Rumanija hemm awtorita' apposta sabiex toħroġ dawn il-permessi. Jghid ukoll illi bħala Awtorita' qatt ma kienu notifikati b'dan id-dħul u allura qatt ma kien suġġett għal spezzjoni fil-punt ta' dhul. Lanqas ma qatt inħarġu xi peremssi lill-appellant u lil missieru biex ikun jistgħu iżommu dawn l-ispeċi;

4. Xehed ukoll Gilbert Haber li prattikament ikkonferma dak depost minn Stanley Gatt;

5. L-appellant xehed illi t-tfittxija saret fid-dar tal-ġenituri tiegħu meta huwa kien imsiefer. Huwa kien qabad il-margun fir-Rumanija u min kien miegħu qallu li seta' jaqbdu għax jagħmel il-ħsara lill-ħut, l-ilma u s-sigar u ghal dan il-ghan tawh certifikat mahrug mir-Rumanija u esebixxa dan id-dokument. Dwar il-Ligrett tas-siġar qal li ma kellu x'jaqsam xejn. Kienet sabitu ommu meta ħarġet bil-klieb u tefgħetu fil-freezer biex jarawh. Jghid illi qatt ma kellu nkwiet mal-Pulizija u ma kienx jaf li meta jiġi mill-kaċċa jrid javża l-awtoritajiet tant li meta wasal l-ajruport baqa' ħiereġ bihom. Isostni li ma jafx li missieru qal lill-pulizija ghaliex ma kienx prezenti. Huwa kellu għasafar oħra li ġabhom mir-Rumanija, forsi kienu qed jgħidu għal dawk;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'aggravju dwar is-sejbien ta' htija u iehor dwar il-piena kominata. Fl-ewwel aggravju l-appellant iressaq ghall konsiderazzjoni ta' din il-Qorti diversi argumenti ghaliex ma kellux jinstab hati fosthom li minn naha tal-prosekuzzjoni kollox sar b'mod irregolari b'tehid ta' dikjarazzjonijiet mill-genituri tal-imputat u tal-imputat inniffsu mill-Ispetturi tal-Ambjent minghajr ma inghata d-drittijiet tieghu. Il-Qorti nnutat dan waqt is-smiegh tal-provi u dan ma jistax jghaddi inosservat;

7. Illi skond il-prosekuzzjoni, it-tfittxija sehhet fir-residenza tal-genituri tal-imputat u ghazlet li tixli lill-imputat mill-informazzjoni li ottjeniet mill-istess genituri minghajr dawn ma inghataw id-drittijiet taghhom. Sahansitra il-mandat ta tfittxija jinghad li kien dwar ir-residenza tal-genituri u kif gia senjalat *supra*, dan qatt ma kien esebit. Issa, ghalkemm quddiem din il-Qorti tela jixhed l-imputat u assuma r-responsabilita' ta' dawk l-ghasafar u offra spjegazzjoni ghaliex kienu ghandu u ghaliex, skond hu, kollox kien legittimu fil-mod kif interpreta l-obbligi tieghu, din il-Qorti mhix konvinta, 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-fatti sehhew kif rakkontati mill-prosekuzzjoni. Dan id-dubju hu radikat mill-mod kif il-Pulizija u l-ispetturi tal-ambjent mexxew l-investigazzjoni u l-mod kif ottjenew dikjarazzjonijiet mill-genituri tal-imputat u tal-imputat stess dwar ghasafar misjuba mhux fil-proprjeta' tieghu izda f'dik tal-genituri tieghu;

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tinoltra fuq l-aggravji l-ohra u ghalhekk tilqa' t-talba tal-appellant

u thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.  Tordna l-konfiska tal-ezemplari esebiti.

**(ft)  Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**